# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu 2002**

**Numru**

**Citaz.  numru:  1944/97 M1 NA**

**Charmaine Zahra**

**vs**

**Alfred Zahra**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fit-3 ta' Settembru 1997 fejn ippremettiet:

"Illi l-attrici w il-konvenut ppartecipaw f'cerimonja taz-zwieg fir-Registru Pubbliku, Valletta fil-15 ta' Dicembru 1994 u dan kif jindika Dokument "A", certifikat taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-

drittijiet jew dmirijiet, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghall-attur li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali ghaz-zwieg;

Illi l-konvenut ma kellux fi zmien li sar iz-zwieg setghat intellettwali jew rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Illi fil-fatt il-partijiet kienu zzewgu biss peress li l-attrici inqabdet tqila u b'hekk ma kienx hemm tassew ir-rieda ghaz-zwieg;

Illi l-konvenut qatt ma hadem u qatt ma mantna l-familja tieghu u ma jridx jahdem fil-futur imma jrid ighix fuq dahar in-nies;

Illi l-kunsens tal-partijiet ingab minhabba vjolenza morali u biza' specjalment ta' l-attrici stante li kien jheddidha, jsawwatha u juza kull forma ta' vjolenza fuqha;

Illi minkejja zzewweg u kellu familja llum b'zewgt itfal minuri Shannon u Brandon, huwa dejjem baqa' jghix ta' guvni qabel u tul iz-zwieg tieghu sahansitra dejjem baqa' b'relazzjonijiet

extra maritali w anke b'relazzjonijiet ma' nisa ohra tul l-gherusija taghhom, haga li l-attrici saret taf biha wara z-zwieg;

TALBET li din il-Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja w opportuna u ghar-ragunijiet premessi:-

1. tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut fil-15 ta' Dicembru 1994 huwa null u bla effett fil-ligi u dan prevja kull dikjarazzjoni li tkun necessarja ai termini ta' l-Artikolu 19 ta' l-Att taz-Zwieg tal-1975 (Att XXXVII);

2. tiddikjara u tiddeciedi u tordna li l-effetti taz-zwieg validu jitqiesu li dejjem kienu jezistu sal-lum meta n-nullita' taz-zwieg issir *res judicata* u dan ai termini ta' l-Artikolu XX ta' l-Att XXXVII tal-1975.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnha esebit.

Fis-seduta tat-13 ta' Lulju 1999 il-Qorti, minkejja l-kontumi tal-konvenut, innominat lill-Avukat Dr. Greta Agius biex tigbor il-provi u tirrelata. Ir-rapport gie mahluf fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2001, fejn l-attrici, tramite d-difensur taghha, irremettiet ruhha ghar-rapport peritali. Il-konvenut ma deherx kif, del resto, ma deher qatt quddiem din il-Qorti minkejja illi xehed in subizzjoni quddiem il-Perit Legali. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu u peress illi ma jidhirx illi hemm xi ostakolu biex tinghata s-sentenza, sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Perit Legali zammet diversi seduti fejn xehdet l-attrici, missierha w ommha w il-konvenut in subizzjoni. Hija kkonsidrat dawn il-provi fid-dawl ta' dak li jipprovdu s-sub-incizi (d) u (f) ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Fir-rigward tas-sub-inciz (d) hija osservat illi "*Il-konvenut jiddikjara carament li kieku ma kienx hemm din it-tqala hu qatt ma kien dispost li jizzewweg lill-attrici ghaliex hu ma kienx ihobbha. Jiddikjara li la darba kien hareg lill-attrici tqila ma kenitx taghmel differenza ghaliha jekk kienux jinhabbu u lesti li jhejju triq ghal hajja mizzewga - f'dak il-*

*mument hasibha li kien ahjar jekk jizzewwgu, donnha kienet loghbha fejn hu kien hareg bhala l-eroj fl-ahhar ta' dina l-isfida u kellu jaghmel dmiru ta' eroj sal-ahhar. X'kien effettivament ifisser zwieg u l-obbligi u dmirijiet li jgib mieghu ma kien ifisser xejn ghalih.*" Hija waslet ghal-konkluzzjoni illi, wara t-tqala bl-ewwel tarbija qabel iz-zwieg, l-attrici ddecidiet li tiehu r-riskju "*bit-tama li forsi r-relazzjoni tinqaleb ghall-ahjar*", u li z-zwieg jirnexxi u ghalhekk, skond il-Perit Legali, il-kunsens taghha fil-mument taz-zwieg ma kienx ivvizzjat. Mhux hekk invece l-konvenut li posittivament eskluda z-zwieg li ghalih ma kien ifisser xejn aktar hlief "*rabta coff*" u li ma kkonsidrax iz-zwieg "*bhala rabta dejjiema, izda wahda li tista' tinhall facilment*". Skond il-Perit Legali ghalhekk da parti tal-konvenut kien hemm simulazzjoni totali tal-kunsens. Kien hemm ukoll simulazzjoni parzjali peress illi "*Huwa evidenti li l-konvenut lanqas beda biex jifhem x'inhuma l-elementi essenzjali taz-zwieg, fedelta', il-manteniment lejn il-familja, u rispett lejn il-familja fost ohrajn, ahseb u ara jwettaqhom. Temm l-isfida tieghu kontra l-genituri ta' l-attrici u mill-ghada taz-zwieg, baqa' ighix hajja ta' guvni u halla lill-attrici terfa' r-responsabbilitajiet tal-familja wahedha.*" Hija ghalhekk waslet ghal-konkluzzjoni illi kien hemm lok ghan-nullita' ta' dan iz-

zwieg almenu taht l-ewwel parti ta' l-Artikolu 19 (1) (d) u anke taht l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti tikkondividi din il-konkluzzjoni tal-Perit Legali. L-attrici ltaqghet mal-konvenut meta kienet ta' eta' ferm zghira, kompliet tohrog mieghu minkejja l-opposizzjoni tal-genituri taghha. Effettivament anke l-Knisja kienet opponiet ghal dan iz-zwieg u kien ghalhekk li huma kienu zzewgu civilment wara li l-attrici kienet harget tqila. Il-konvenut, da parti tieghu, jistqarr huwa stess li ma kellux intenzjoni ta' zwieg minkejja illi finalment qabel li jizzewweg bic-civil. Di piu' mix-xhieda moghtija f'din il-kawza, partikolarment taz-zewg partijiet, jirrizulta illi l-konvenut qatt ma ha z-zwieg bis-serjeta' u dana sa mill-bidu nett tal-hajja matrimonjali. Ma kien jaghmel xejn biex imantni lill-familja u baqa' jghix hajja qiesu kien ghadu guvni u dana sa minn biss ftit xhur wara z-zwieg. Il-Qorti ghalhekk thoss illi hija gustifikata li tasal ghal-konkluzzjoni li fil-mument li ta l-kunsens tieghu dan il-kunsens kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga kif ukoll fuq id-dmirijiet essenzjali taghha. Il-Qorti hija wkoll gustifikata tikkonkludi li jekk ma giex eskluz posittivament iz-

zwieg innifsu da parti tal-konvenut dana ta' l-anqas zgur li eskluda wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tieghu fosthom il-fedelta' u l-kura tal-konjugi u tal-wild taghhom.

Ir-ragunijiet fuq imsemmija in aggiunta ma' dawk moghtija mill-Perit Legali jwasslu lill-Qorti biex takkorda t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut fil-15 ta' Dicembru 1994 huwa null u bla effett fil-ligi ai termini ta' l-Artikolu 19 ta' l-Att taz-Zwieg tal-1975 (Att XXXVII);

2. tiddikjara u tiddeciedi u tordna li l-effetti taz-zwieg validu ghandhom jitqiesu li kienu jezistu favur l-attrici u dana sakemm is-sentenza ta' nullita' tkun saret *res judicata.*

Fuq il-meritu u fil-kontumacja tal-konvenut l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jithallsu minnu.

Deputat Registratur

rf.